**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2005**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-EWWEL SENA** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ______________

**Taqsima A**

**Imla l-vojt b'dawn il-kliem**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Studji soċjali | normi | Soċjeta' | kurrikulu | Proċess ta' soċjalizzazzjoni |
| Edukazzjoni informali | informatika | Status soċjali | Interazzjoni soċjali | Rwoli |

1 Meta wieħed jgħix ma' diversi persuni li jaħdmu għall-istess għan ikun qiegħed jgħix f'______________.

2 Kull individwu għandu _________differenti f'soċjeta' li jkun fiha.

3 L-_________________ jgħina nifhmu aħjar is-soċjeta'.

4 Meta individwu ma jimxix man-_________tas-soċjeta' ikun qed jinqata' barra mill-istess soċjeta'.

5 Il-________________________________ jgħallimna kif għandna niġu aċċettati fis-soċjeta'.

6 Fil-___________________insibu t-tqassim ta' edukazzjoni formali.

7 L-edukazzjoni ____________________________ hija importanti daqs it-tagħlim formali fl-iżvilupp ta' l-individwu u dan nieħduh mis-sitwazzjonijiet u esperjenzi li niltaqgħu magħhom.

8 It-tagħlim ta' l- ________________huwa importanti llum minħabba t-teknoloġija avvanzata li titlob minna s-soċjeta'.

9 Meta tkun qed isseħħ l-______________________________ tkun qed isseħħ ukoll is-soċjalizzazzjoni.

10 Il-pożizzjoni soċjali ta' l-individwu insejħulha _________________.

**10x1 marka**
**Total 10 marki.**

**Taqsima B**

**<u>Għaqqad flimkien billi tikteb numru fil-kaxxa tan-nofs.</u>**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Ambjent soċjali | | Ambjent magħmul min-nies ta' madwarna |
| 2 | Sillabu | | Il-proċess ta' tagħlim u edukazzjoni skond il-programm ta' tagħlim għall-iskejjel jew il-kurrikulu. |
| 3 | istituzzjonijiet | | Persuna li tippreferi li tkun weħidha titkellem mill-anqas,taħdem waħidha milli tkun ma' l-oħrajn. |
| 4 | Il-proċess ta' żvilupp | | Kif il-prinċipji tax-xjenza jiġu applikati biex il-bniedem jibni magni u mezzi oħra li jgħinuh fix-xogħol u l-ħajja tiegħu. |
| 5 | Kultura | | Il-mod ta' kif il-membri tagħha jġibu ruħhom u kif dan jgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra. |
| 6 | Soċjalizzazzjoni primarja | | Ir-responsabbiltajiet jinqasmu ndaqs bejn il-mara u r-raġel fil-familja. |
| 7 | Teknoloġija | | Tagħlim ta' mġiba li nieħdu l-ewwel fil-familja. |
| 8 | Edukazzjoni formali | | Tagħlim matul ħajjitna kollha. |
| 9 | Persuna introverta | | Strutturi fis-soċjeta', bħal gvern, knisja u qrati. |
| 10 | Familja simetrika | | Programm ta' tagħlim mill-5 sas-16-il sena. |

**Total 10 marki**

**Taqsima Ċ**

**<u>Aqra din is-silta u wieġeb</u>**

Il-familja hija waħda mir-riżorsi importanti fis-soċjeta'. F'Malta wkoll il-familja tgħin fl-attivita' ekonomika. Dan għaliex il-familja, jekk taqdi l-funzjonijiet tagħha sew, tipprovdi riżorsi importanti ħafna. Malta m'għandniex ħafna riżorsi minerali, iżda għandha l-aqwa riżors: il-bniedem. Il-familja hija l-ambjent soċjali fejn il-ħaddiema fis-soċjeta' jieħdu t-taħriġ, il-ħiliet u l-valuri meħtieġa għax-xogħol tagħhom. Dan il-proċess ta' edukazzjoni hu l-bażi tal-ħajja ekonomika tas-soċjeta'.

**Wieġeb fl-ispazju provdut.**

1 Għaliex il-familja hija l-aktar grupp soċjali importanti għas-soċjeta'?

________________________________________

________________________________________

________________________________________

____________________________________ (2 marki)

2. Semmi tliet funzjonijiet tal-familja.

(3 marki)

3 Agħżel funzjoni minnhom u spjega fit-tul it-tifsira tal-funzjoni li għażilt.

(3 marki)

4 Semmi żewġ differenzi bejn il-familja tal-lum u ta' qabel.

(4 marki)

5 Għaliex il-familja saret aktar simetrika?

(3 marki)

6 Għaliex ngħidu li l-familja saret waħda dinamika?

(3 marki)

7 Semmi żewġ tipi ta' familja li nsibu fis-soċjeta' tagħna.

(2 marki)

**Total 20 marka**

**Taqsima D**

Kulħadd jieħu pjaċir li jifforma parti minn grupp.  Imma xi kultant nafu li jinqalgħu ħafna problemi.

Ikteb 5 punti fuq il-ġid li joħroġ meta wieħed ikun fi grupp u 5 punti dwar il-problemi li jistgħu jinqalgħu fi grupp.  X'pariri tagħti lil min ikun se jidħol għall-ewwel darba fil-grupp?

**(15-il marka)**

**Taqsima E**

**Aqra dawn is-sitwazzjonijiet u agħti l-opinjoni tiegħek.**

1 F'familja partikolari f'tarf ir-raħal, kien hemm ġuvni li kien qed jiġi mgħajjar mill-ġenituri tiegħu għax ma kienx tajjeb fl-iskola. Dan il-ġuvni kien tajjeb fix-xogħol ta' l-idejn. Dak li jaraw għajnejh kienu jagħmluhom idejh.

X'parir tagħti lill-ġenituri ta' dan il-ġuvni?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (5 marki)

2 Fil-familja ta' Marija hemm in-nanna toqgħod magħhom. Dejjem jgħajtu magħha u jiddieħku biha meta tipprova toħroġ b'xi idea għall-familja li qed tgħix fiha.

Li kieku għandek in-nanna tgħix magħkom, kif taġixxi magħha?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (5 marki)

3 Fir-raħal waslet familja minn pajjiż Afrikan. Għandhom il-kulur tal-ġilda u l-fattizzi tal-wiċċ differenti minn tan-nies tar-raħal. Għall-ewwel ħadd ma ta każ tal-kulur tal-ġilda , u kulħadd deher kuntent. Tifla minnhom ippruvat tagħmel ħbieb ma' grupp tfajliet tamparha. Dawn ma ħadux gost u bdew iwarrbuha.

Li kieku int kont tgħix f'dak ir-raħal, kont tagħti każ li dik il-familja hija differenti mill-kumplament tan-nies? Għaliex? X'kont tagħmel?

(5 marki)

4 Maria kienet marida u bdiet taqta' qalbha għax ħasbet li ma kienet taf tagħmel xejn. Imma sabet li sħabha kienu lesti jgħinuha fid-diffikultajiet li kienet tinsab fihom. Maria ma kinetx qed taħseb fuq l-affarijiet sbieħ li kellha, imma fuq l-affarijiet li ma kinetx taf tagħmel. Permezz tar-relazzjonijiet tajbin li kellha ma sħabha, bdiet tikber u timmatura. Bdiet titgħallem titkellem, fi ftit kliem, bdiet titgħallem kif iġġib ruħha.

Kif taħseb li għenuha sħabha?

(5 marki)

**Total 20 marka**

**Taqsima F**

**<u>Agħżel wieħed u ikteb 150 kelma dwaru</u>**

1 Id-dmirijiet u d-drittijiet ta' studenta.
2 Il-bniedem mhux maħluq biex ikun waħdu.
3 L-importanza ta' l-edukazzjoni fid-dinja tal-lum. **(25 marka)**